**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum il-Ħamis, disgħa (9) ta' Mejju 2024

Kawża Nru 3286/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Mallia)**

Vs

**Lee Formosa**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Lee Formosa** ta' għoxrin (20) sena, iben Duncan u Catherine nee' Falzon, imwieled Pieta' fis-sitta (6) ta' Jannar 2004, u residenti 7, Flat 1, Triq Isouard, Marsa Malta, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 13104(L) fejn ġie akkużat talli fis-dsatax (19) ta' April 2024 bejn is-sieghat 23.00hrs u l-għoxrin (20) ta' April

01.00hrs u fix-xhur ta' qabel fi Triq il-Knisja il-Qadima, Siġġiewi, Malta u postijiet oħra diversi fil-Gzejjer Maltin:

(1) saq il-vettura ta' għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni GBZ849 mingħajr ma kellu liċenzja necessarja tas-sewqan u kif ukoll b'mod u manjiera perikoluza;

(2) talli ukoll saq il-vettura ta' għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni GBZ849 mingħajr ma' kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni;

(3) naqas ukoll milli jħares xi waħda u/jew aktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. G. Camilleri Busuttil LL.D. fid-digriet mogħti nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju 2023, u li permezz tiegħu l-istess Lee Formosa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet;

(4) illi b'nuqqas ta' ħsieb bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti kkaġuna ġrieħi ħfief fuq il-persuna ta' Patrick Camilleri hekk kif iċċertifikat min Dr.Winston Bartolo MD3550;

(5) waqt li kien qed isuq il-vettura ta' għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni GBZ849 naqas li jieqaf fuq sinjal tat-traffiku li jindika 'Stop';

(6) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, involontarjament ikkaġuna ħsarat fuq il-vettura tal-għamla Yamaha bin-numru tar-registrazzjoni DCE202 għad-dannu ta' Patrick Camilleri;

(7) wkoll talli għamel reat ieħor wara li kien ġie ikkundannat għal reat b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, preseduta mill-Maġistrat Dr. Victor Asiak, datata 18/08/2021, Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, preseduta mill-Maġistrat Dr.Victor Asiak, datata 16/07/2022, Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, preseduta mill-Maġistrat Dr.Victor Asiak, datata 17/05/2022, kif ukoll, Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, preseduta mill-Maġistrat Dr.Elaine Rizzo, datata 20/12/2023, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu, b'hekk ġab ruħu reċidiv.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-Liġi, tirrevoka l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti lil Lee Formosa u

tordna l-arrest mill-ġdid tal-istess Lee Formosa u dan ai termini tal-artikolu 579(3) tal-Kodiċi Kriminali Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex id-depositu kif ukoll il-garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Fil-każ ta' kull reat ieħor taħt is-subartikolu (1) b'żieda għall-piena skont dak is-subartikolu, il-Qorti ġiet mitluba tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem.

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkużat rreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu. Fid-dawl ta' din l-ammissjoni l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u tatu żmien xieraq sabiex jerġa' jikkunsidra mill-ġdid l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiża jittrattaw fuq il-piena;

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib lil-akkużat ħati tal-akkużi kollha li ġew miġjuba fil-konfront tiegħu. Tenut kont tal-ammissjoni bikrija tal-akkużat, għar-rigward piena l-Qorti sejra tmur fuq il-minimu tal-piena li hija obbligata li teroga fiċ-ċirkostanzi f'każ ta' sejbien ta' ħtija. Il-Qorti sejra wkoll tieħu in kunsiderazzjoni tal-fatt li l-akkużat ikkoopera mal-Pulizija.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikolu 15(1)(a) u 59 tal-Kap. 65, l-artikoli 3(1) tal-Kap. 104, l-artikoli 226(1), 328, 579(2), 49 u 50 tal-Kap. 9 u tar-Regolament 2 Taqsima II, Partita E(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05, fuq ammissjoni tiegħu stess, qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu u qiegħda tikkundannah għal ħlas ta' multa komplessiva ta' sitt elef ewro (€ 6,000).

In oltre wara li rat l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tordna li l-ammont ta' ħames mitt ewro (€ 500) mis-somma globali ta' disat elef ewro (€ 9,000) tiġi konfiskata u tgħaddi a favur il-Gvern ta' Malta.

In vista li l-ħati ikkoopera mal-Pulizija u anke in vista tal-ammissjoni bikrija, il-Qorti mhux sejra tordna l-arrest mill-ġdid tal-ħati.

Wara li rat l-artikolu 15A tal-Kap. 9, il-Qorti qed tordna lill-ħati sabiex fi żmien tlett xhur mil-lum iħallas lil Patrick Camilleri l-ammont ta' tlett mija u disgħa u ħamsin ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€ 359.32). Din l-ordni għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet tal-Kap. 12 bħal li kieku kienet sentenza mogħtija minn Qorti jew Tribunal Ċivili kompetenti.

Fl-aħħar nett wara li rat l-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104, il-Qorti qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax -il xahar li għandhom jibdew jiddekorru mit-tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru 2024.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**